MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2013

Numru. 528/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Hersey)**

**Vs**

**Carmen Spiteri Coleiro ta' 54 sena, bint Joseph u Rita xebba Coleiro, imwielda Tas-Sliema fl-24 ta' Jannar 1959, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 809259(M) u toqghod 62, Tropaze, Triq Patri Guze' Delia, Balzan.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmen Spiteri Colerio akkuzata talli f'dawn l-ahhar xhur, f'Malta, u cioe' fl-10 ta Marzu 2010, ghamlet dikjarazzjoni falza, jew tat taghrif falz, meta kienet taf li dan huwa falz, ghal xi wiehed mill-ghanijiet ta'l-Att Kap. 258, u dana bi ksur ta'l-artikolu 14(2)(b) tal-Kapitlu 258, tal-Ligijiet ta' Malta,

U aktar, talli fl-istess cirkostanzi, kellha fil-pussess tahha, karta ta'l-identita ta' persuna ohra, u dana bi ksur ta'l-artiklu 12(1) tal-Kapitlu 258 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi saret recidiva wara sentenza li inghatat mil-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. nhar il-20 ta' Marzu 2006, u mill-Qorti ta'l-Appell datata fit-30 ta' April 2007, liema sentenzi huma definittivi u dana bi ksur ta'l-artiklu 49 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess cirkostanzi iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx u dana bi ksur ta'l-artikolu 110 tal-Kapitlu 9 tal-Liijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali tal-20 ta' April 2011 sabiex dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi u it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata tinsab akkuzat bir-reat tad-dikjarazzjoni falza fuq karta ta'l-identita' u dana bi ksur ta' dak illi hemm ipprovdut fil-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, li illum gie sostitwit permezz tal-Avviz Legali 308 tal-2012. Madanakollu fiz-zmien li sehh ir-reat mertu tal-kawza, kienet ghadha vigenti dina l-ligi. Illi fil-11 ta' Jannar 2008 l-imputata ipprezentat ruhha fl-Ufficcju minn fejn jinhargu il-karti ta'l-identita' fejn hija dahhlet rapport illi kienet tilfet l-karta ta'l-identita taghha. Dana ir-rapport sar mal-WPC 153 Dorothea Attard fil-11 ta' Jannar 2008.[1] Fl-istess data l-imputata tidher illi ghamlet affidavit f'dana is-sens fejn hemmhekk hija taghti id-dettalji tahha bhala "Carmen Spiteri Coleiro", imwielda Sliema fl-24 ta' Jannar 1959 li ghandha ilkarta ta'l-identita bin-numru 809259(M)[2]. Illi

[1] Ara rapport esebiet Dokument DA4 a fol.54 et. seq,
[2] Ara affidavit Dokument DA2 a fol.51

sentejn wara u cioe' fl-10 ta' Marzu 2010, regghetipprezentat ruhha fl-istess ufficcju fejn hemmhekk regghet ghamlet rapport illi kienet tilfet l-karta ta'l-identita taghha.[3] Dana ir-rapport ittiehed mill-istess kuntistabbli u cioe' WPC 153 Dorothea Attard. Hawnhekk hija regghet hadet gurament u ghamlet affidavit bhalma kienet ghamlet precedentement. Kemm fir-rapport kif ukoll fl-affidavit hija taghti is-segwenti dettalji "Carmen Spiteri" imwielda fid-29 ta' Awwissu 1978 bil-karta ta'l-identita 412778(M). Minn indagini li issir mill-pulizija, jirrizulta illi dawn id-dettalji fil-fatt jappartjenu lil bint l-imputata li ukoll jisimha Carmen Spiteri. Il-WPC 153 Dorothea Attard Baldacchino tghid fix-xhieda taghha:
**"L-affidavit fuq Carmen Spiteri bl-ID card number tal-ohra tat-tifla, dawn qalithomli viva voce hi dak il-hin tal-gurament, jigifieri jiena insaqsieha 'X'jismek u kunjomok, fejn twelidt," biss dakinhar meta dana qaltli li twieldet tas-Sliema, li hi twieldet tas-Sliema, imma it-tifla twieldet il-Pieta'…"** Ix-xhud taghraf lill-imputata bhala l-istess persuna li kienet marret ghandha biex taghmel ir-rapport u l-affidavit.

Fil-fatt mix-xhieda ta' George Saliba mill-Ufficcju Elettorali jirrizulta illi fis-16 ta' Frar tas-sena 2011 il-Malta Information Technology Agency (MITA), bhala amministraturi tal-karti ta'l-identita', kienu gibdulhom l-attenzjoni illi kien hemm zewg identity cards bl-istess numru li madanakollu kellhom xbieha differenti fuqhom u cioe' xbieha ta' zewg persuni differenti. Fil-fatt l-karta ta'l-identita bin-numru 412778(M), kellha ix-xbieha fuqha ta' persuna li iggib il-karta ta'l-identita 809259(M) u cioe' ix-xbieha ta'l-imputata.[4] Minn hawn ghalhekk skattat l-investigazzjoni fejn allura l-imputata u bintha gew interrogati mill-Pulizija.

Fl-istqarrija li l-imputata tirrilaxxja lill-pulizija, hija taghzel li ma twegibx ghall-ewwel il-mistoqsijiet li isirulha, izda imbaghad tinnega illi hija involuta f'dina il-kwistjoni. Tichad illi ghamlet l-affidavit u meta tigi murija dana l-affidavit mill-

[3] Ara rapport esebiet a fol.12 u 13
[4] Ara Dokument esebiet a fol.70.

*investigating officer*, hija tghid illi qatt ma kienet ratu qabel. Hija tistqarr: "**there is no reason why I should have my daughter's ID card u lanqas another ID card, wahda bizzejjed**."

Ikkunsidrat,

Illi l-imputata tinsab akkuzata bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta li illum gie sostwit kif diga inghad permezz tal-Avviz Legali 308 tal-2012. Illi ghalkemm minn qari ta'l-akkuza jidher illi l-imputata qed tigi akkuzata bir-reati ikkontemplati fl-artikoli 22 u 24 tal-Att, madanakollu fic-*charge sheet*, l-Ufficjal Prosekutur jindika il-ksur tad-disposizzjonijiet 12 u 14 li ma ghandhom xejn x'jaqsmu mad-dicitura tal-akkuzi kif dedotti. Madanakollu kif gie deciz fil-kawza Il-Pulizija vs Gaetano Portelli et deciza mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fit-22 ta' Ottubru 2001:

**"L-indikazzjoni, da parti tal-Pulizija Ezekuttiva, fuq il-komparixxi ta' xi disposizzjonijiet tal-ligi ma hix parti mill-imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Imputazzjoni tigi formulata billi jissemmew "il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw" – ara l-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 374(*i*)(i) tal-istess Kodici. Spetta ghall-qorti, u mhux ghall-Pulizija Ezekuttiva, li tiddetermina ghal liema reat jew reati jammontaw dawk il-fatti imputati."**

Ukoll fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Vella[5] inghad:

**"Kif din il-Qorti kellha okkazjoni li tispjega diversi drabi, l-imputazzjoni kif migjuba fic-citazzjoni (jew fir-rapport, jekk dak li jkun jigi presentat taht arrest) ma hemmx ghalfejn ikollha fiha riferenza ghal xi disposizzjoni tal-ligi; dak li hu importanti hu li l-fatti kif migjuba jkunu kjarament jipotizzaw reat (delitt jew kontravvenzjoni), oltre, naturalment,**

[5] Appelli Kriminali 12 ta' Settembru 2003

**li jrid ikun hemm il-partikolaritajiet l-ohra msemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kap. 9.”**

Kwindi l-Qorti ser tghaddi ghal konsiderazzjonijiet fil-mertu u dana ghal ksur ta’l-artikoli 22 u 24 tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkunsidrat,

Illi l-artikolu 24(2)(b) jistipula:

**“Kull persuna li tagħmel xi dikjarazzjoni falza, jew tagħti xi tagħrif falz, jew tipproduċi xi dokument falz, għal xi wieħed mill-għanijiet ta’ dan l-Att, meta tkun taf li dan huwa falz tehel meta tinsab hatja …”**

Il-ligi ghalhekk timponi bhala rekwizit l-element tax-xjenza da parti tal-awtur tad-dikjarazzjoni jew tal-persuna li tkun qed taghti it-taghrif falz. Illi ghalhekk il-persuna irid ikollha l-intenzjoni li tqarraq ghaliex tkun qed taghti informazzjoni falza, meta taf illi dak li tkun qed tghid huwa falz. Jekk din l-intenzjoni hija nieqsa allura ir-reat ma jissussistiex ghaliex ikun jitratta ta’ zball u xejn iktar. Id-difiza allura tikkontendi illi l-prosekuzzjoni naqqset mili tressaq provi sufficjenti fil-kamp penali li jistghu iwasslu ghar-reita ta’l-imputata billi ma giex ippruvat l-element tal-qerq.

Illi mill-provi akkwiziti jidher illi l-imputata marret volontarjament taghmel karta ta’l-identita gdida u dana wara rapport li hija ghamlet illi l-karta ta’l-identita taghha kienet intilfet. Kienet hi u hadd iktar illi ghaddiet l-informazzjoni mehtiega lil kuntistabbli 153 sabiex tkun tista’ tinhargilha karta ta’l-identita gdida. Dana huwa ikkonfermat fix-xhieda tal-kuntistabbli 153 stess li gharrfet lill-imputata bhala l-istess persuna li kienetipprezentat ruhha l-10 ta’ Marzu 2010 gewwa l-Ufficcju Elettorali. Illi meta l-imputata ghalhekk ghaddiet l-informazzjoni ta’ bintha, minflok taghha, u wara dahhlet tiehu ir-ritratt sabiex dana jitwahhal fuq il-karta ta’l-identita gdida, hija kienet taf ben tajjeb illi id-dettalji li kienet tat ma kenux taghha. Inoltre jidher illi l-imputata ghamlet ‘il fuq minn sena b’dina il-karta ta’l-identita f’idejha u kwindi kieku

stess il-Qorti kellha temmen illi l-imputata ghamlet zball certament kellha zmien bizzejjed biex tinduna illi l-particulars li kien hemm fuq il-karta ta'l-identita gdida li inhargitilha ma kenux taghha! Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi l-imputata intenzjonalment tat taghrif falz meta tallbet li tinhargilha karta ta'l-identita gdida wara rapport li ghamlet illi dina l-karta ta'l-identita kienet intilfet. Illi ghar-rigward tat-tieni akkuza kif ikkontemplata fl-artikolu 22(1), l-Qorti ser tillibera lill-imputata minn dina l-akkuza, billi hija kellha fil-pussess taghha, mhux karta ta'l-identita ta' persuna ohra, izda karta ta'l-identita falza billi l-*particulars* li kien hemm fiha ma kenux jappartjenu lix-xbieha ta'l-imputata li kienet tidher fuq dik il-karta ta'l-identita'.

Illi finalment l-imputata hija ukoll akkuzata bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 u cioe' illi iddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf illi ma sarx.

Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior pparti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. F'sentenza moghtija mil-Qorti ta'l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Illi l-Qorti hawnhekk lanqas ma tara kif tista' issib htija fl-imputata billi l-imputata ma ghamlitx b'qerq rapport lill-Pulizija dwar il-kummissjoni ta' xi reat. Hija irrappurtat li kienet tilfet l-karta ta'l-identita taghha fatt li certament ma

jammontax ghall-ebda tip ta' reat. Kwindi l-imputata ser tigi illiberata ukoll minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora il-fatt illi hija recidiva kif gie ampjament ippruvat il-kors tat-trattazzjoni tal-kawza.[6] Il-Qorti madanakollu ma tarax illi f'dana il-kaz piena karcerarja effettiva tista tkun ta' ghajnuna ghall-imputata li ghad ghandha tfal zghar x'tiehu hsieb. Hija ghandha bzonn l-ghajnuna sabiex teghleb il-problemi li ghandha.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 24(2)(b) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta' Malta, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni u ir-raba akkuza migjuba fil-konfront taghha, issibha hatja tal-kumplament ta'l-akkuzi, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hatja taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor matul dana l-perjodu taz-zmien jew jekk hija tonqos milli tobdi l-ordni imposta fuqha illum.

Il-Qorti tordna illi kopja ta' dina is-sentenza tintbaghat lid-Direttur Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Ara sentenza Dokument JM2 a fol. 61 et. seq. u ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca.